**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 6 ta' Gunju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Isabella Bellia, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru 299978M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba fil-konfront tal-imputata Isabella Bellia u ċioè talli:

> Fil-kwalita' tagħha ta' Prinċipal, b'indirizz reġistrat 37, Sqaq Karla, Birkirkara, Malta u/jew bħala persuna li kienet inkarigata li tħallas l-pagi dovuti, naqset li tħallas l-**Pagi** dovuti għall- perjodu ta' bejn l-01 ta' Settembru 2016 u l- 31 ta' Ottubru 2016, ammontanti għal **€1,250.31**, naqset li tħallas parti mill-**Weekly Allowance** dovut għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' Lulju, 2016 u l-31 ta' Ottubru, 2016 ammontanti għal **€81.64**, u naqset li tħallas parti mill-**Bonus Statutorju** dovut għall-perjodu bejn l-01 ta' Lulju, 2016 u l-31 ta' Ottubru, 2016 ammontanti għal **€91.05**, li b'kollox jammontaw għal elf erba' mija u tlieta u għoxrin ewro **(€1,423)**, inklużi t-

taxxa u l-bolla, liema ammont kien dovut lill-ex impjegata tagħha, u ċioe' lil **Claire (Claire-Ann) Suda (ID NO. 376175M)**.

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba bir-rispett tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tħallas il-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 ta' l-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 ta' l-2007 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tħallas lil **Claire (Claire-Ann) Suda (ID NO. 376175M)** l-ammont ta' elf erba' mija u tlieta u għoxrin ewro **(€1,423)**, għar-raġunijiet hawn fuq speċifikati.

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat-

Illi l-parte leza **Claire Suda** xehdet li wara li gie terminat l-impjieg taghha ta' sales representative ta' prodotti tax-xahar mal-imputata, hi kien fadlilha tithallas ghax-xhur ta' Settembru w Ottubru, 2016. Tramite l-accountant tal-imputata, certu Paul Buhagiar, kien sar ftehim li hi tithallas l-ammont dovut bin-nifs u fil-fatt lahqu saru tlett pagamenti bil-bilanc dovut jibqa dak ta' €1,423.[1] Sahqet li *"issa jien anqas qed infittex fuq emm, fuq il-prodotti li biegħejt. Ma jimpurtax. Jien niġbor il-pagi. Kieku ridt infittixha fuq il-kuntratt għandi li ser tagħtini l-commission."*.[2] Il-kuntratt esebit jistipula li l-impjegata kellha tircevi *inter alia* remunerazzjoni ta' €170 fil-gimgha kif ukoll kienet intitolata ghal *bonus* u *commission*.[3] In konto-ezami x-xhieda taghha hi pjuttost konfuza u tasal biex tghid li fl-ammont dovut ta' €1,423 hemm inkluz ukoll commission li kellha tiehu izda tinsisti wkoll li baqghet ma thallsietx paga ghal Settembru w Ottubru.

Illi minkejja din ix-xhieda l-Qorti teskludi li dan qatt jista' jkun il-kaz. Dan jirrizulta bic-cjar mill-**kalkoli mahduma mid-dipartiment; dawn saru abbazi tal-kuntratt li kien jirregola l-impjieg ta' Suda u ta' xejn izjed**.

[1] Fol.8-9

[2] Fol.12

[3] Fol.19

Illi **Paul Bugeja,** accountant mal-imputata, pprezenta rcevuti li fihom jinghad li l-ammont dovut u li dwaru saru tlett (3) pagamenti[4] kienu *"representing* ***salaries*** *due for the months of September and October 2016"* bl-ammont inizjali jkun dak ta' €2,313.[5] Dan ix-xhud, l-unika minghajr interess fl-ezitu ta' din il-kawza, kien ghal kollox veritjier u jaghti stampa cjara tas-sitwazzjoni li zvolgiet.

*Xhud: Ok. Din prattikament kellhom isiru xi pagamenti fil-ġimgħa biex jitħallas l-ammont dovut ta' 2313 ......*

*Maġistrat: Issa, l-isfond dwar dawn dwar dawn il-pagamenti inti għandek xi idea għalxiex u mhumiex? Inti hawnhekk qed tgħid representing salaries.*

*Xhud:* ***Salaries.***

*Maġistrat: Jiġifieri salaries qed nieħdu in consideration*

*Xhud: Le.*

*Maġistrat: just the wage jew ukoll?*

*Xhud:* ***Net salary. Il-paga li kellha titħallas.*** *Li taqbad f'idha Ms Suda.*

***Maġistrat: Jiġifieri inkluż l-allowances u bonuses.***

***Xhud: Iva ......***

***Xhud: Mela l-pagamenti kellhom jgħaddu minn Ms Bellia rappreżentati bħala pagi. .....***

***Xhud: Emm, jiena ppruvajt forsi through me tibda titħallas il-paga, bdejt*** *niġbor il-cash kull ġimgħa, ngħaddihom lil Mrs Suda, at a certain point in time dan waqaf u allura ma stajtx inkompli.*

***Maġistrat: Ingħatajt xi raġuni għala waqaf?***

***Xhud: No.***

***Maġistrat: Ma ngħatajtx.***

***Xhud: No, no.".***[6]

---

[4] Dok.PB, PB1 a fol.27-29.
[5] Fol.29
[6] Fol.23-26

Din ic-cahda kategorika tassumi rilevanza aktar il-quddiem!
Mill-kalkoli ta' Bugeja fid-data li nharget l-ahhar ricevuta u cioe` dik tad-19.11.2016 *"Remaining balance due after this payment amounts to €1423".*[7] **Dan hu l-istess ammont milhuq mid-dipartiment sal-inqas centezmu. Ammont li jeskludi ghal kollox xi commissions li setghet kienet intitolata ghalihom Suda!**

Illi fil-fatt rapprezentant tad-dipartiment **Jonathan Caruana** xehed kif Claire Suda, avvicinat id-dipartiment wara installments biex tithallas il-paga dovuta ma baqghux issiru mill-imputata. **Id-dipartiment ghamel il-kalkoli tieghu[8] abbazi tal-kuntratt[9]** mghoddi esebit in atti. Mill-kalkoli tad-dipartiment jirrizulta li €1,25031 kienu dovuti bhala basic wage filwaqt li l-kumplament ta' €172.69 kienu dovuti bhala weekly allowance ta' marzu u Settembru 2016 u l-bonus dovut li jithallas f'Dicembru tas-sena ta' hidma. Dawn il-kalkoli tad-dipartiment juru bilanc ta' €1,423 li hu l-istess ammont indikat f'receipt no.3 mahruga minn hadd izjed ghajr l-accountant tal-imputata u ddeskritti bhala bilanc ta' **"salaries"!**[10]

**B'hekk jirrizulta bic-cjar li l-kalkoli tad-dipartiment jikkombaccjaw perfettament mal-kalkoli tal-accountant. Iktar minn hekk hu ferm sinifikattiv li l-accountant kien lahaq wasal ghall-bilanc totali dovut inizjalment minn tal-inqas sa mill-4 ta' Novembru, 2016 kif tixhed Receipt No.1 (fejn l-ammont dovut f'dik id-data kien ta' €2,313) u li versu liema ammont sad-19.11.06 saru pagamenti ta' €890 kif tixhed id-dokumentazzjoni esebita mill-accountant tal-imputata!!**

Illi tajjeb jigi sottolinejat dak li jixhed l-istess Caruana li ghalkemm fix-xhieda tieghu ma jiftakarx bl-ezatt min infurmah li bejn l-imputata u Suda kienet inqalghet xi kwistjoni li kawza taghha kien gie tentatt 'set-off' mal-paga dovuta - "*Min qalilhieli l-ewwel ma niftakarx pero' gejt mgharraf illi kien hemm xi kwistjoni fuq xi oggetti li still ghalina ma kienitx, m'hijiex relevanti. La ma thallsitx il-paga, ahna nikklejmjaw ghall-pagi."* - minn korrispondenza esebita minnu jirrizulta li kienet l-istess imputata li qaltlu b'dan: f'email mibghuta

[7] Dok. PB a fol.27
[8] Dok.JC1 a fol.38
[9] A fol.34 jghid *"Hawn kopj tal-agreement"* li rega' gie esebit din id-darba mix-xhud Caruana bhala Dok.JC2 a fol.40 et seq.
[10] Dok.PB a fol.27

nhar it-2 ta' Frar, 2017 minn Caruana lil Bellia jinghad *"Reference is made to the claim lodged at this office by Ms Claire Suda against your goodself in respect of unpaid wages and to our last telephone conversation. Please note that, this office would like to bring to your attention the fact that, deductions from wages are not permitted by law.....".*[11]

Suda stess tixhed li Bellia kienet allegat li din zammet xi basket li kien jappartjeni lill-imputata meta dwar ir-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha tghid: *"Le, ma tagħtni l-ebda raġunijiet, ir-raġunijiet li tagħtni jiena..... qed tgħid illi jiena għandi xi basket tagħha, issa dan il-basket għandi mhuwiex, tista' tikkonferma hi stess illi meta daħlet il-karozza għas-service, tista' tara d-data meta daħlitha."*.[12]

Illi l-imputata Isabelle Bellia ghazlet li tixhed u pprezentat dokument li juri dak li thallset Suda fejn addiritura tishaq li l-impjegata taghha thallset izzejjed b' €251.98.[13] Ghalkemm ssostni li dawn il-hlasijiet saru skond il-kuntratt izzid *"... plus li zammet ukoll flus tal-kumpanija u pagamenti dovuti lili"*.[14] Bellia stranament <u>ma tipprovdi l-ebda prova biex tissostanzja li saru dawn il-hlasijiet</u>. Aktar inkwetanti minn hekk tammetti li ghalkemm kompliet tahdem bl-accountant taghha *"Jiena ma kellimtux lill-accountant tieghi. Is-Sinjura Claire Suda marret ghandu."*[15] minkejja li ghaddiet b'€900 pagamenti biex taqta' ammont kkalkolat bhala dovut mill-istess accountant.[16] Tkompli li wara li ezaminat il-kuntratt ta' xoghol irrejalizzat li hallsitha izjed. Mistqosija mill-qorti ghaliex jekk dan kien minnu x'raguni kellha biex ma tinfurmax lill-accountant imhallas minnha dwar dan l-ewwel tghid li infurmatu izda meta kkonfrontata mill-qorti li l-accountant qal mod iehor qalet li *"ftit ilu kkuntatjajtu"* filwaqt li fl-istess nifs tipprova taghti l-impressjoni li ma qaltlux *"Ghax kien ghaddej il-kaz tal-Qorti."*.[17]

Xhieda li ma ghandhiex mis-sewwa, nieqsa minn kull ombra ta' kredibbilita`, karaterrizata minn nuqqas assolut ta' provi li jissostanzjaw il-kaz tad-difiza, anzi kkuntrajata minn provi diversi fosthom mit-testimonjananza tal-accountant taghha! Fil-fatt mic-

[11] Fol.47; Dok. JC3
[12] Fol.13
[13] Fol.64; Dok.IB
[14] Fol.59
[15] Fol.60
[16] Fol60-61
[17] Fol.62

citazzjoni jirrizulta li l-kaz jista' jitqies li beda ghaddej il-qorti sa minn April, 2017 – data li nharget ic-citazzjoni - meta jirrizulta ampjament pruvat li l-pagamenti twaqqfu f' Novembru 2016 (pagamenti kienu qed isiru kull gimgha u cioe` fl-4, fil-11 u fid-19 ta' Novembru, 2016). U x'raguni seta' kellha biex ma tkellimx lil dak li nkarigat ihallas lil Suda u tispjegalu ghaliex waqqfet il-pagamenti li kienu gja lahhqu qbil dwarhom? Altru` li d-difiza ma rnexxiliex tilhaq il-grad tal-prova rikjest minnha.

Fid-dawl tal-provi skjaccanti mressqa mill-prosekuzzjoni li ppruvat il-kaz taghha sal-inqas dettal bix-xhieda ta' Suda u ta' Bugeja flimkien ma dik ta' Jonathan Caruana, iwasslu lill-Qorti tqis li l-akkuza giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Il-Qorti temmen li dak li jixhdu kemm Suda kif ukoll Caruana hu s-sewwa u dak li verament sehh biex gieghel lill-imputata twaqqaf hessrem pagamenti lil Suda minkejja l-qbil li ntlahaq mal-accountant taghha biex jaghmel dan; cioe` li l-imputata ddecidiet li tnaqqas ammonti ta' flejjes dovuti lilha li fl-opinjoni taghha inzammu mill-imputata. Izda dwar dan il-ligi ma thalli ebda lok t'interpretazzjoni u tipprovdi:

**15.** (1) Ħlief meta jkun espressament permess mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew meħtieġ b'xi liġi oħra, jew meta ordnat minn jew bis-saħħa ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn prinċipal jew prinċipali jew għaqda ta' prinċipali min-naħa l-waħda u *trade union* jew *trade unions* li jirrappreżentaw l-impjegati nteressati min-naħa l-oħra, prinċipal ma għandu jagħmel ebda tnaqqis u lanqas jagħmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li għandha titħallas mill-prinċipal lill-impjegat.

(2) Kemm-il darba ma jkunx espressament provdut b'dan jew taħt dan l-Att jew xi liġi oħra, prinċipal ma jistax jikkalkola bħala parti mill-paga ta' impjegat xi benefiċċju jew dħul ieħor, ukoll jekk jingħata jew jitħallas mill-prinċipal, li jitħallas minħabba xi kawża oħra li ma tkunx il-kuntratt tas-servizz.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 5, 22, 23, 36, 45, 46, u 47(2) tal- Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 8 u 22 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Hin tax-Xoghol, Avviz Legali 247 tal-2003, l-artikolu 3 tal-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar Allowance fil-Gimgha (Avviz Legali 112 tal-1988), issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u tikkundannha multa ta' €500.

F'kaz li tali ammont ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 45(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, tordna lil hatja thallas lil Claire (Claire-Ann) Suda (detentrici tal-karta tal-identita` numru 376175M) l-ammont ta′ elf erba′ mija u tlieta u għoxrin ewro (€1,423).

Ai termini tal-istess sub-artikolu din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija esegwibbli bl-istess mod daqslikieku inghatat f' kawża ċivili bejn l-impjegata u l-prinċipal.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**